MONS SION IN JERUSAL



Dehra
Tal-Ġnien tal-Ġetsemni
Fejn Ġesù għereq id-demm
U ta' Ġebel iż-Żejtun
minn fejn tala'
s-Sema.

Is-Seba' Sena | APRIL - ĠUNJU, 1961 | Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA





Is-Seba' Sena — APRIL - ĠUNJU, 1961 — Għadd 2


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Frugħa tal-Frugħat (Id-Direzzjoni ... 33

Jiena u naqra l-Vanġelu (P.P. Saydon) ... 34

Mill-Ġetsemni sal-Qabar (Ben Jeħuża) ... 36

Ġerusalem il-Belt Imqaddsa ... 48

Ix-Xalata ta' Hebron (Elsie) ... 52

Il-Madonna ta' Libnan (P. Ewġenju Hoade, O.F.M.) ... 55

Dawk li Għandhom il-Jedd Fil-Qabar ta' Kristu (Mudir Naġella) ... 57

Antonio Barluzzi (Paċifku) ... 58

L-Antika Feniċja u r-Rabbi tal-Galil (A. Valentin) ... 61

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... 63

Requiescant In Pace ... 64



*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# FRUGHA TAL-FRUGHAT

*X'inhija l-ħajja? Il-ħajja hi qatgħa żgħira fl-Eternità. Għax qabel ma nitwieldu, xejn ma nkunu; ma narawx, ma nisimgħux u ma naħsbux. Meta nitwieldu, insiru xi ħaġa; noqogħdu ftit żmien fid-dinja, naraw nisimgħu u naħsbu. Imbagħad, immutu, u nerġgħu nidħlu fl-Eternità. Mill-bniedem ma kien hemm xejn qabel ma tnissel, u —ħlief ruħu — ma jibqa' xejn wara li jmut. Wara l-mewt isir ġisem bla ħajja, imbagħad ftit għadam u fl-aħħar, ftit trab ismar, u ma jibqa' jidher minnu xejn.*

*Qabel ma twelidna għadda żmien bla tarf, għax iż-żmien ma għandux bidu. U wara li mmutu jgħaddi wkoll żmien bla tarf, għax iż-żmien ma għandux tmiem. Imma aħna nafu, bejn wieħed u ieħor, kemm nistgħu ngħixu. Min minna jixjieħ, jgħix xi sebgħin, jew tmenin, jew disgħin sena, u wieħed fil-kemm iwassal mija. Imbagħad kull ħadd baħħ. Imma x'inhi mitt sena, fejn iż-żmien bla tarf ta' qabel twelidna, u ż-żmien bla tmiem ta' wara mewtna? Xejn! Tikka żgħira, għal ħalfa! Għax dak li għandu t-tarf ma jistax jinqies ma dak li ma għandux. Il-ħajja qisha leħħa ta' berqa f'lejl iswed, li turi d-dinja f'għamża, u jarġa kollox dlam.*

*U għal din in-naqra żmien, għal din il-leħħa ta' berqa, jew għamża, kemm hawn min iħir u jitħabat! Kemm hawn min dik in-naqra żmien mogħtija lilu b'tiġriba, jaħsibha li ma hi sejra tintemm qatt! Jagħmilha b'tiegħu u jwaħħal ħsiebu biss fih in-nifsu, u ma jqis xejn u lil ħadd!*

*Kemm jaqbillu 'l bniedem, mela, li jiċċaqlaq naqra, u jaħseb ftit, u jifhem ħaltu, u ma jħarisx dejjem naħa waħda! Kemm jaqbillu jiftaħ ftit għajnejh u widnejh, ħalli jara u jisma' u jaqbad jaħseb. X'baqagħlhom il-Fargħuni tal-Eġittu mill-għamajjar tad-deheb li kellhom, u mill-ħnienaq tal-ifħar ġawhar? X'baqagħlhom l-Imperaturi ta' Ruma mill-ilbies tal-bellus, u t-taħmim fl-ilma tal-fwieħa, u l-palazzi tal-irħam? Thennaw fid-dinja, għal għaxra, għoxrin, jew tletin sena; u mbagħad mietu; u issa ilhom mejta għal mijiet u eluf ta' snin. Kemm qal sewwa Ġesù lin-nies ta' żmienu: "X'jiswa lil bniedem li jirbaħ id-dinja kollha, la ma jistax jirbah u jkun sid ta' ħajtu?" (Matt. XVI, 26; Mark, VIII, 36; Luqa, IX, 25). Kemm hu iblah u mqarraq il-għani, għax jitkabbar b'dak li hu misluf lilu, u jagħmel b'tiegħu dak li ma hux. Għax huwa sid ta' li għandu, imma ma hux sid tiegħu n-nifsu. Qisu qaddej bla għaqal, li jrid jagħmilha ta' sid.*

*Kemm għandhom djar sbieħ il-għonja! Imgħammra b'agħmara tal-kawba u mżejna b'linef tal-kristall u b'purtieri tal-bellus! Kemm għandhom ġonna sbieħ, bi ħmiemel ta' ward ifuħ u mżewwaq, għejjun tal-ilma jaqbeż, u siġar biex jagħmlu d-dell! Imbagħad tiġi l-mewt għalihom. Ma teħdilhomx li għandhom, imma tieħu LILHOM! U kull ma għażlu jsiril-hom agħarr minn suf!*

*Qal kelma oħra darba Ġesù; ma hix miktuba fl-Evanġelju, imma kitibha San Kelment ta' Lixandra. Din hija: "Bil-ġid li jgħaddi, ixtru l-ġid li ma jgħaddix. Bil-ġid ta' did-dinja, li jitteħdilkom, iksbu l-ġid tad-dinja l-oħra, li jibqa' tagħkom għal dejjem!" (Ara wkoll Luqa, XVI, 1-12; u XII, 13-21). Għax dil-ħajja, bil-ġid kollu li fiha, ma hix ħlief bluha. Ma hix ħlief nuqqas ta' għaqal, u Frugħa tal-Frugħat!*

*ID-DIREZZJONI*